P. ĠUŻEPP VELLA OFM

# DATI TA' ĠIEĦ GĦAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA "SLIEMA"

## ŻJARAT MINN AWTORITAJIET EKKLESJASTIĊI

Is-Soċjetà Filarmonika "Sliema", minn kemm ilha mwaqqfa, kellha diversi żjarat minn persuni prominenti kemm ta' Awtorità Ekklesjastika u kemm dik Ċivili. F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn dawk il-persuni ta' ċerta awtorità ekklesjastika jew reliġjuża li għamlu żjara lis-sede tas-Soċjetà.

L-ewwel persuna ekklesjastika li żaret il-każin tagħna kien l-Isqof Franġiskan Mons. Onorato Calcaterra O.F.M. li kien Vigarju Apostoliku ta' Tripli u Isqof titulari ta' Ipso. Fl-1929 Mons. Calcaterra kien ġie mistieden mill-Patrijiet tal-Parroċċa biex imexxi l-festa titulari ta' dik is-sena. Huwa għamel żjara lis-Soċjetà nhar it-22 ta' Ġunju 1929. Dak in-nhar ħalla l-Kallotta tiegħu biex tibqa' tifkira tiegħu fil-każin.[1] Ġie meħud ritratt fuq iz-zuntier tal-knisja flimkien mal-bandisti. Dan ir-ritratt għadu jeżisti u qiegħed f'waħda mis-swali tal-każin. Dan ir-ritratt ittieħed nhar il-25 ta' Ġunju. L-istess Isqof fl-24 ta' Ġunju kien għamel il-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Parroċċa.[2]

Fl-1932 insibu isqof ieħor Franġiskan. Dan kien l-Isqof Candido Moro O.F.M. li kien Vigarju Apostoliku ta' Benghasi fil-Libya. Nhar is-6 ta' Ġunju, wara li għamel il-Griżma ta' l-Isqof fil-Parroċċa tagħna, huwa għamel żjara fil-każin. Il-kallotta tiegħu tinsab fil-każin ma' rigali oħra.[3]

Persuna ekklesjastika oħra, u għażiża għalina s-Slimiżi, huwa l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Ġorġ Caruana. Dan huwa l-ewwel Isqof Slimiz. Huwa kien Nunzju Apostoliku f'Cuba. Nhar il-5 ta' Diċembru 1936 ġie milqugħ fil-bieb tal-każin mill-President l-avukat G. Sammut u mill-Kappillan P. Franġisk Montebello O.F.M. Mons. Caruana kien ħu t-tabib Emmanuel Caruana li kien il-President tas-Soċjetà fis-snin 1934–1936.[4] B'tifkira ta' din iż-żjara għadna naraw il-Kallotta tiegħu fil-vetrina tar-rigali.

Meta fl-1948, is-Soċjetà fakkret il-25 sena mit-twaqqif tagħha u tal-Banda, kien ġie mistieden il-Vigarju Ġenerali Mons. Isqof Emmanuele Galea. Fis-17 ta' Ottubru 1948 bierek il-lapida ta' tifkira li tqiegħdet fl-intrata tal-każin.[5] Waqt riċeviment li kien sar ġiet offruta kallotta ġdida u huwa ħalla tiegħu bħala tifkira lis-Soċjetà.[6]

Fl-24 ta' Ottubru 1948 kien ġie l-E.T. Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi biex jagħmel il-Griżma lil għadd kbir ta' tfal tal-Parroċċa.[7] Wara l-funzjoni fil-knisja kien mistieden għal repò żgħir fil-każin. Huwa ġie milqugħ mill-President Dr Joseph Soler LL.D. Ġiet offruta lilu kallotta ġdida bi bdil ma' dik li kellu.[8]

Fl-1952 il-Patrijiet tal-Parroċċa stiednu lil ex-Ġeneral ta' l-Ordni, l-Arċisqof Mons. Pacifico Perantoni O.F.M. Huwa kien Arċisqof ta' Gerace fil-Calabria. Qabel il-funzjoni tat-Translazzjoni, il-Banda laqgħetu fix-Xatt u ġie mtella' bid-daqq tal-marċi f'karozza mikxufa. Wara l-funzjoni fil-knisja, nhar il-5 ta' Lulju, kien mistieden għal riċeviment. Il-President Dr Giovanni Felice LL.D., għamel diskors ta' l-okkażjoni. Wara offrielu kallotta ġdida u huwa ta l-kallotta li kellu biex tkun ta' tifkira tiegħu. Mons. Perantoni għamel diskors ta' ringrazzjament.[9] Ta' min jgħid ukoll li għal dan ir-riċeviment kien preżenti wkoll l-Arċisqof Gonzi.[10] Huwa wkoll ingħata kallotta u ħalla tiegħu lis-Soċjetà.[11]

Żjara oħra ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi kienet nhar il-25 ta' Ġunju 1961. Wara li amministra l-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Parroċċa sar riċeviment fil-każin. Fil-gallarija tal-każin, il-President Salvinu Privitera għamillu diskors u l-Arċisqof wieġeb għalih billi kellem lin-nies mġbura.[12]

Fl-1968 il-Parroċċa tagħna kienet qiegħda tfakkar il-50 sena mitt-twaqqif tagħha. Nhar il-25 ta' Ġunju sar ir-riċeviment annwali fil-każin.



**L-Isqof Mons. P. Perantoni jippreżenta l-kallotta tiegħu lill-President tas-Soċjetà, l-Onor. Dr. Giovanni Felice fl-1952.**



**L-E.T. Mons. Arċisqof M. Gonzi waqt żjara fil-Każin, fil-25 ta' Mejju 1961.**

Kien mistieden ukoll Mons. Isqof Nikol Cauchi. Dak iż-żmien kien amministratur apostoliku ta' Għawdex.[13] F'din l-okkażjoni, huwa wkoll ħallielna l-kallotta tiegħu bħala tifkira taż-żjara tiegħu.[14]

Għall-festa titulari ta' l-1972 ġie mistieden il-W.R.P. Ewgenio Cuskelly M.S.C. Huwa l-Ġeneral tal-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù, li xerrdu mad-dinja d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor. Fl-1 ta' Lulju, wara l-funzjoni fil-knisja, il-Ġeneral għamel żjara lill-Kazin waqt ir-riċeviment li jsir kull sena. Ġie milqugħ mill-President Dr Ċensu Tabone li wara li sar diskors offrielu dgħajsa tal-fidda bħala tifkira taż-żjara tiegħu lis-Soċjetà.[15]

Fl-1973 kien jaħbat il-50 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna. Nhar id-9 ta' Lulju il-Vigarju Ġenerali Mons. Isqof Emmanuele Galea fetaħ il-festi ġubilari b'quddiesa fil-knisja parrokkjali. Wara żar il-każin u attenda għal repò żgħir.[16] Fl-istess okkażjoni, fl-10 ta' Lulju, Mons. Isqof koadjutur ta' Malta ġie qaddes fil-bitħa tal-każin għall-membri u wara ġedded il-konsagrazzjoni tal-każin lill-Qalb ta' Ġesù.[17] Wara sar riċeviment u ffirma l-ktieb tal-viżitaturi. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni ħallielna l-kallotta tiegħu.[18]

Is-sena ta' wara, fis-17 ta' Ġunju 1974, Mons Arċisqof Mikiel Gonzi ġie jikkonsagra l-altar-mejda ġdid fil-knisja. Wara l-funzjoni għamel żjara fil-kazin fejn sar riċeviment żgħir.[19] Huwa ffirma l-ktieb tal-viżitaturi.

Fl-1986 il-Parroċċa kienet qiegħda tfakkar il-75 sena mill-ewwel purċissjoni tal-festa titulari. Kien lejlet il-festa 5 ta' Lulju, li wara t-translazzjoni u Quddiesa Pontifikali li mexxa Mons. Arċisqof ta' Malta Ġużeppi Mercieca, għamel l-ewwel żjara tiegħu lill-Każin. Ġie milqugħ mill-President Dr Ċensu Tabone. Saru diskorsi kemm mill-President u kemm mill-Arċisqof. Huwa ffirma l-ktieb tal-viżitaturi. L-Arċisqof ħareġ fil-gallarija tal-każin biex isellem lin-nies. Il-Banda Ċittadina tagħna daqqitlu l-Innu tal-Papa.[20] Dak in-nhar sar bdil tal-kallotta li kellu l-Arċisqof.[21]

It-18 ta' Mejju 1997 kienet ġurnata għażiża, sabiħa u storika kemm għall-Patrijiet Franġiskani, għall-Parroċċa u kemm għas-Soċjetà Filarmonika "Sliema". Wara li ex-Kappillan tal-Parroċċa u l-ex-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Sylvester C. Magro O.F.M. ġie kkonsagrat Isqof u nominat Vigarju Apostoliku ta' Benghasi fil-Libya, ġie jqaddes għall-ewwel darba fil-Parroċċa tagħna. Mons. Sylvester kellu laqgħa kbira ħafna. Wara l-funzjoni fil-knisja ġie milqugħ fil-bieb tal-Każin mill-President is-Sur Tonio Portughese. Meta tela' fuq iffirma l-ktieb tal-viżitaturi. Sar diskors mill-President li offrielu somma flus bħala rigal għall-bżonnijiet tal-missjoni tiegħu. L-Isqof irringrazzjah u offra kallotta ġdida tiegħu biex tibqa' tifkira tiegħu



L-E.T. Mons. Ġ. Mercieqa milqugħ fil-Każin minn Dr. Ċ. Tabone.

fil-każin.[22] L-ex-president Dr Ċensu Tabone offrielu rigal personali li kien jikkonsisti fi ktieb illustrat dwar Għawdex. Wara, l-Isqof niżel fil-bitħa biex jiltaqa' man-nies tal-Parroċċa. Il-President stieden lil Mons. Sylvester biex jieħu sehem fil-festi li se jorganizza l-każin f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tiegħu fl-1998.

L-aħħar preżenza Ekklesjastika fil-każin tas-Soċjetà kienet, meta fil-5 ta' Lulju 1997 ġie l-Arċisqof Mons. George Pell, Arċisqof ta' Melbourne fl-Awstralja. Wara li mexxa t-translazzjoni u konċelebrazzjoni fil-knisja, ġie milqugħ mill-President is-Sur Tonio Portughese flimkien mal-kumitat. Il-President għamel kelmtejn qosra u offrielu kallotta ġdida. L-Arċisqof ħalla l-kallotta lill-każin. Huwa ffirma l-ktieb tal-viżitaturi. Hareġ fil-gallarija tal-każin waqt li l-Banda "La Valette" daqqet l-Innu tal-Papa. Ta wkoll medalja personali.[23]

Matul is-snin kienu diversi persuni bħal: Provinċjali, Monsinjuri, Kappillani, Patrijiet u Qassisin li żaru lis-Soċjetà f'okkażjonijiet differenti. Xhieda ta' dan tinsab fil-ktieb tal-viżitaturi u f'xi ritratti li jinsabu fis-swali tal-każin. F'dan il-ħjiel tajna ħarsa ħafifa lejn dawk il-persuni li kienu fl-ogħla kariga ekklesjastika. Biż-żjara ta' dawn il-persuni ekklesjastiċi hemm tifsira li barra li huma għamlu ġieħ lis-Soċjetà tagħna, tfisser ukoll li jkunu apprezzaw il-ħidma tas-Soċjetà matul il-75 sena tal-ħajja tagħha.



L-Isqof Magro ma' Dr. Ċ. Tabone.

# ŻJARAT MINN AWTORITAJIET ĊIVILI



Sir Edmond Schreiber

Issa nagħtu xi tagħrif fil-qosor dwar persuni li kellhom xi awtorità ċivili meta għamlu xi żjara lis-Soċjetà tagħna matul dawn il-75 sena tal-ħajja tagħha.

L-ewwel persuna li għamlet żjara uffiċjali fil-każin tagħna kien l-E.T. il-Gvernatur Ġenerali Sir Edmund Schreiber. Din iż-żjara seħħet nhar it-30 ta' Ottubru 1945. Dakinhar sar riċeviment żgħir. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni, il-Gvernatur, ħalla ritratt bil-firma tiegħu. Dan il-kwadru jinsab f'waħda mis-swali tal-każin.[24]

Fis-17 ta' Ottubru 1948, fl-aħħar jum tal-festi ġubilari f'għeluq il-25 sena, il-banda għamlet marċ mix-Xatt sal-Każin. Wara, fuq iz-zuntier tal-knisja esegwit programm. Kien preżenti l-Onor. Prim Ministru Sir Paul Boffa M.D. Fl-intervall huwa ppreżenta lis-Soċjetà, fl-isem ta' l-ammiraturi u bosta għaqdiet oħra, 37 rigal. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti wkoll membri oħra tal-Parlament u personalitajiet oħra.[25]

Nhar l-24 ta' Marzu, 1950, il-Gvernatur Ġenerali Sir Gerald Creasy kien għamel żjara lill-knisja parrokkjali. Wara għamel żjara fis-sede tas-Soċjetà. Ġie milqugħ mill-President l-avukat Joseph Soler. Il-Gvernatur ħa ritratt mal-membri tal-Kumitat u xi soċji li kienu preżenti. Huwa ħalla ritratt bil-firma tiegħu. Dawn iż-żewġ ritratti jinsabu f'xi sala



**Sir Gerald Creasy**

tal-każin.[26] Qabel telaq iffirma wkoll il-Ktieb tal-Viżitaturi.[27]

Lejlet il-festa titulari ta' l-1953, il-Prim Ministru l-Onor. Dr Ġorġ Borg Olivier LL.D. għamel żjara lis-Soċjetà. Waqt programm fuq iz-zuntier tal-knisja, huwa għamel diskors u ppreżenta tazza tal-fidda mogħtija mill-ammiraturi. Ġiet ppreżentata lill-Viċi President is-Sur Anton Grech. Fl-istess okkażjoni, il-Ministru tal-Finanzi Dr J. Frendo Azzopardi, ippreżenta żewġ tazzi oħra lis-soċjetà.[28] Il-firma tal-Prim Ministru tinstab fil-Ktieb tal-Viżitaturi.[29]

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Lulju 1973, is-Soċjetà kienet qiegħda tfakkar il-50 sena mit-twaqqif tagħha. Dakinhar fid-9.00a.m. wasal il-Gvernatur Ġenerali l-E.T. Sir Anthony Mamo flimkien mas-Sinjura tiegħu. Mal-wasla tiegħu ġie milqugħ mill-President Dr Ċensu Tabone u l-membri tal-Kumitat. Saru diskorsi mill-President u mill-Gvernatur. Wara Sir Anthony Mamo kixef irħama kommemorattiva fl-intrata tal-Każin.[30] Iffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi u wara għamel żjara wkoll fil-Knisja Parrokkjali li kienet armata għall-festa titulari.[31]

Mill-Ktieb tal-Viżitaturi jirriżulta li nhar it-28 ta' Ġunju 1979 il-President ta' Malta Dr Anton Buttigieg LL.D. għamel żjara lill-Każin. Huwa kien mistieden fir-riċeviment annwali li jsir fl-okkażjoni tal-festa titulari.[32]

F'għeluq is-60 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, nhar it-30 ta' Ġunju 1983, sar riċeviment speċjali fl-okkażjoni tal-festi anniversarji u tal-festa titulari. Il-mistiedna prinċipali kienet il-President ta' Malta l-E.T. is-sinjorina Agatha Barbara. F'din l-okkażjoni hija kixfet lapida, fit-taraġ tal-Każin, bl-ismijiet tal-Presidenti li mexxew is-Soċjetà.[33] Qabel hija kienet għamlet żjara lill-knisja parrokkjali.[34]

Nhar l-Għid il-Kbir, filgħodu, nhar id-19 ta' April 1987 kien għamel żjara qasira fil-Każin l-Onor. Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici LL.D. Huwa ffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi u ġew mibdula xi rigali.[35]

L-akbar avveniment li għamel ġieħ lis-Soċjetà tagħna kien il-ħatra tal-President tagħha Dr Ċensu Tabone bħala President tar-Repubblika ta' Malta. Għal din il-ġrajja storika, is-Soċjetà għamlet festin lill-E.T. nhar il-25 ta' Mejju 1989. Il-Banda wasslet lill-President sal-Knisja minn triq Rudolfu. Wara li saret Konċelebrazzjoni solenni ġie milqugħ mill-Banda Sliema bid-daqq ta' l-Innu Malti. Huwa flimkien mas-sinjura tiegħu Marija baqa' sejjer fis-sala Fundaturi. Saru diskorsi ta' awguri mill-Viċi President u s-Segretarju. Hemm huwa kixef lapida li tfakkar il-ħatra tiegħu bħala President ta' Malta. Wara ffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi bħala President ta' Malta. Għal din l-okkażjoni sar riċeviment fil-bitħa tal-każin. Huwa baqa' jokkua l-post ta' President tas-Soċjetà.[36]

Żjara storika lis-Soċjetà kienet mill-E.T. George Vassileou, il-President ta' Ċipru, nhar id-29 ta' Ġunju 1991. Huwa kien qiegħed fuq żjara statali f'Malta. Fis-sala ffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi. Iż-żewġ Presidenti, flimkien, tellgħu bandiera ġdida tas-Soċjetà, minn fuq iz-zuntier tal-knisja, fuq l-arblu tal-bejt tal-każin. Wara, it-tnejn qagħdu jaraw il-ħruġ tal-vara min-niċċa mill-gallerija tal-Każin. Sar ukoll riċeviment żgħir għal din iż-żjara storika. Iż-żewġ Presidenti kixfu wkoll lapida kommemorattiva fis-sala t'isfel.[37]

L-Onor. Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami LL.D. għamel żjara lis-Soċjetà nhar is-26 ta' Marzu 1993. Huwa kien mistieden għall-festa li s-Soċjetà għamlet lill-President tagħha u ta' Malta f'għeluq it-80 sena ta' Dr Ċensu Tabone. Wara quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali sar riċeviment kbir u ttieħed ritratt ta' tifkira. Kienu preżenti wkoll membri Parlamentari miż-żewġ Partiti



**L-E.T. Agatha Barbara tikxef lapida tal-lista tal-Presidenti.**



**Dr. Ċ. Tabone u G. Vassiliou jtellgħu l-Bandiera ġdida fuq il-bejt tal-Każin, fid-29 ta' Ġunju 1991.**

Politiċi.[38] Il-Prim Ministru ffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi.[39]

L-aħħar personalità ċivili li għamlet żjara lis-Soċjetà kien l-E.T. il-President ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici LL.D. Nhar is-26 ta' Ġunju 1994, huwa ġie mistieden mill-Kumitat biex jinawgura s-sala ta' l-Arkivju. Din ġiet iddekorata mill-ġdid. Għamel diskors taċ-ċirkostanza. Kien il-mistieden speċjali fir-riċeviment annwali. Qabel, huwa kien għamel żjara fil-knisja parrokkjali fejn ammira s-sbuħija tal-vara tal-Madonna u l-knisja armata għall-festa.[40]

Hawn tajna ħarsa ħafifa dwar l-aktar persuni prominenti. Fil-fatt insibu li f'diversi snin is-Soċjetà kellha żjarat minn Konsli jew Ambaxxaturi f'Malta, numri ta' Parlamentari Ingliżi u Maltin ta' diversi partiti politiċi, segretarji tal-Gvernaturi jew Presidenti, Presidenti ta' assoċjazzjonijiet differenti u persuni oħra. Dawn iż-żjarat jagħmlu ġieħ lis-Soċjetà tagħna, għax dawn il-persuni jkunu qegħdin jirrikonoxxu l-kontribut siewi li s-Soċjetà tagħna tat lill-kultura tal-mużika f'pajjiżna kif ukoll għall-ħidma soċjali li wettqet fost il-poplu Slimiż.



**Ritratt nostalġiku: Il-President Tonio Portughese ma' P. Ġużepp Vella, wieħed mir-riċerkaturi u storiċi tas-Soċjetà.**

REFERENZI


1. Ktieb tal-Viżitaturi. Winston L. Zammit: Soċjetà Filarmonika Sliema, 1993, pp. 22, 29.
2. Arkiv.Parr.Liber Confirmatorum, Vol. I, p. 421.
3. Arkiv.Parr.Liber Confirmatorum Vol. II, p. 547; Ktieb Viżitaturi.
4. Winston L. Zammit. Opus Cit., pp. 50–51.
5. Id., Ibid., p. 75.
6. Tidher fil-vetrina tar-rigali.
7. Arkiv. Parr., Opus Cit., Vol. II, p. 355.
8. Tidher fil-vetrina.
9. Winston L. Zammit, Opus. Cit., p. 85.
10. Ara ktieb tal-Viżitaturi.
11. Ara vetrina tar-rigali.
12. Winston L. Zammit, Opus. Cit., p. 85.
13. Id., Ibid., p. 88.
14. Ara vetrina fil-Każin.
15. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 106.
16. Id., Ibid., p. 114.
17. Id., Ibid., p. 114.
18. Tidher fil-vetrina.
19. Winston L. Zammit, Opus cit., p. 106.
20. Id., Ibid., p. 107.
21. Ara l-vetrina tar-rigali.
22. Ara ktieb tal-viżitaturi u l-vetrina tar-rigali.
23. Id., ibid.
24. Winston L. Zammit: Soċjetà Filarmonika Sliema, 1993, p. 68.
25. Id., Ibid., p. 75.
26. Id., Ibid., p. 84.
27. Ara ktieb tal-Viżitaturi.
28. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 89.
29. Ara ktieb tal-Viżitaturi.
30. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 115.
31. Kronaka Kunvent, Sliema, Vol. I, p. 82.
32. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 106, Ktieb tal-Viżitaturi.
33. Id., Ibid., p. 116.
34. Kronaka, Opus Cit., Vol. II, p. 123.
35. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 109.
36. Id., Ibid., p. 133.
37. Id., Ibid., p. 147.
38. Id., Ibid., p. 161.
39. Ara Ktieb tal-Viżitaturi.
40. Id., Ibid., jew Kronaka tal-Kunvent O.F.M. Sliema, Vol. V, p. 59.